4 ta' Novembru, 1957

Imħallef: —

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Carlo Moore ne. *versus* A.I.Ċ. Carmelo Falzon et.

**Appalt — Perit — Bennej — Difetti Okkulti — Mandat — Danni — Solidarjetà — Art. 1732, 1481(2), u 1132 tal-Kodiċi Ċivili**

***Il-liġi tikkontempla d-difett okkult f'materja ta' bejgħ; u skond l-istess liġi, biex id-difett ikun okkult, irid ikun tali li jkun hemm l-impossibilità li jiġi skopert. Jekk b'eżami serju u mhux superfiċjali jista' jiġi konoxxut, il-vizzju huwa apparenti.***

***Il-perit inkarigat mid-direzzjoni ta' bini hu obligat jivverifika anki l-materjali li jkunu qegħdin jiġu użati fil-bini; u għalhekk hu obligat jissorvelja anki l-kwalità tal-oġġetti li jinxtraw biex iservu għall-bini; u mhux biżżejjed li hu jħalli f'idejn il-bennej. Hu veru li, bħal kull debitur, hu tenut jippresta biss id-diliġenza ordinarja ta' missier tajjeb tal-familja, iżda hu veru wkoll illi hu mandatarju, u r-responsabilità***

*tiegħu toħroġ mill-oġġett stess li għalieh hu nkarigat; u bħala mandatarju huwa obligat jeżegwixxi l-mandat lilu mogħti, u hu obligat jeżegwixxi dak il-mandat mhux biss bil-bwona fede, imma anki b'dik id-diliġenza u abilità rikjesti mill-eżekuzzjoni tal-mandat li hu nkariga ruħu minnu. U jekk il-mandat ikun retribwit, il-ġudikant għandu jkun aktar sever fl-apprezzament tiegħu. Għaldaqstant, jekk dak il-perit ma jkunx hu ħsieb jeżamina sewwa l-oġġetti li jiġu użati fil-kostruzzjoni tal-bini li tkun taħt id-direzzjoni tiegħu, huwa responsabbli għall-ħsara li tiġri għax ikunu ġew użati materjali difettużi.*

*Kwantu għall-bennej, anki hu għandu l-istess responsabilità; u jekk ma jużax id-diliġenza ordinarja biex jiskopri l-imsemmija difetti, huwa wkoll għandu jirrispondi għal dik il-ħsara.*

*Xejn ma jiswa li fix-xiri tal-oġġetti li kellhom jiġu użati fil-bini ħadu xi inizzjattiva l-kommittenti; għax din ir-responsabilità, sija tal-perit kemm tal-bennej, hi bażata fuq l-ordni publiku, u tibqa' dejjem anki jekk il-materjali jiġu forniti mill-istess kommittenti.*

*Però, ir-responsabilità tal-perit u dik tal-bennej mhijiex solidali; għaliex l-obligazzjoni tagħhom hija "ex contractu", u, jekk ma ġietx espressament stipulata, ma għandhiex, u lanqas tista', tiġi preżunta.*

*Għaldaqstant, jekk fil-bini ta' fond jiġi użat travu difettuż, u dan in segwitu jaqa' u jikkaġuna danni, il-perit li kellu d-direzzjoni tal-bini, u l-bennej li eżegwixxa dak il-bini, huma responsabbli għall-ħsara li jikkaġuna dak it-travu bil-waqgħa tiegħu, jekk huma ma użawx id-diliġenza ordinarjament meħtieġa biex jikxfu d-difetti li kellu t-travu; imma din ir-responsabilità tagħhom mhijiex solidali, iżda rateali.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 1955, fejn jinsabu miġbura d-domandi tal-atturi, u fejn ġew respinti l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-istess konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni odjerna, kif jirrikonoxxi esplicitament il-konvenut Falzon fin-nota tiegħu fol. 86, hija bażata fuq l-art. 1732 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa simili għall-art. 1639 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż. Din id-dispożizzjoni tikkontempla u tikkomprendi anki l-każ ta' ħsara provenjenti minn difett fil-materjali adoperati fil-bini (v. App. Kumm, 5.12.55 in re "Rebecca Aquilina vs. Giuseppe Sciortino et.", u l-awtoritajiet hemm ċitati);

Illi l-konvenuti jippretendu li ma humiex responsabbli bl-ebda mod, għaliex id-difett fit-travu, li fuqu l-perit ġudizzjarju irritjenihom responsabbli, kien insitu u latenti. A propożitu, il-perit fir-relazzjoni tiegħu ssottometta illi t-travu inkwistjoni kien difettuż għaliex kellu fih xi ngroppi, li meta ħarġu mill-konkavitajiet tagħhom it-travu nqasam: dawn l-ingroppi kienu jaslu sas-superfiċi tat-travu u ġew inserrati mal-iskwadratura tiegħu, u kieku ma kienx miżbugħ, id-difett kien jidher u t-travu kien jiġi skartat;

Illi l-liġi tikkontempla d-difett okkult f'materja ta' bejgħ, u mill-art. 1481(2) tal-Kodiċi Ċivili jidher li, biex ikun tali, irid ikun hemm l-impossibiltà li jiġi skopert; għalhekk, kif josserva Ramella, "se con serio e non superficiale esame può essere conosciuto, li vizio è apparente" (Vendita. Vol. I, 197);

Illi, għalhekk, jeħtieġ li jiġi eżaminat x'għamlu l-konvenuti, u kull wieħed minnhom, biex jiskopru d-difett in kwistjoni;

Illi, kwantu għall-konvenut Falzon, dan ma għamel proprju xejn; ma kienx preżenti, la meta nxtara t-travu u lanqas meta dan tqiegħed fil-post, huwa ħalla f'idejn il-konvenut Camilleri, mentri dan ma setgħax jagħmlu, għaliex huwa, bħala perit direttur, kien obbligat li jivverifika anki l-materjali li kienu qegħdin jiġu intużati fil-kostruzzjoni tal-post. "Dirigere i lavori", jgħid Laurent, "è un intervenire nell'esecuzione; per conseguenza la responsabilità dell'

architetto è più estesa; essa abbraccia la direzione, ciò che comprende la verifica dei materiali; cosa essenziale, poichè accade spesso che gli edifizi crollano ove dovrebbero essere più forti in ragion della cattiva qualità dei materiali" (Diritto Civile, Vol. XXVI, §38);

Veru illi l-arkitett, bħal kull debitur ieħor, hu tenut jippresta biss id-diliġenza ordinarja ta' missier tajjeb tal-familja; iżda huwa veru wkoll illi l-arkitett huwa mandatarju, u fil-każ tagħna retribwit, u r-responsabilità tiegħu toħroġ mill-oġġett stess li għalih huwa ġie nkarigat. U, kif jinnota l-istess Laurent, "essa emerge dalla diligenza che egli promette d'impiegare nell'esecuzione dei suoi obblighi; sono le cure di un buon padre di famiglia alle quali ogni debitore è tenuto, cure che si specializzano in ragione della specialità della locazione d'opera nel senso che l'architetto è tenuto alle cure di un buon architetto; ed egli è responsabile quando non soddisfa a questi obblighi" (Op. cit. §30);

Del resto, l-arkitett, bħala mandatarju (arg. art. 1961 u 1970 Kod. Ċiv.), huwa obbligat jeżegwixxi l-mandat lilu mogħti; u, kif josserva Pothier, "il mandante ha diritto di esigere dal mandatario, che si è incaricato del mandato, non solamente la buona fede, ma tutta la diligenza e l'abilità che richiede l'esecuzione del mandato di cui è incaricato" (Mandato, §46). U meta l-mandat ikun retribwit, il-ġudikant għandu jkun aktar sever fl-apprezzament tiegħu (arg. 1976(2) Kod. Ċiv.; Baudry, Mandato, § 593; u Kollez. XVIII-III-51 in fine u 52 in princ.);

Ta' min, imbgħad, jirriproduċi l-insenjament tal-Vitalevi, li japplika l-istess prinċipji fuq miġjuba għall-arkitett bħala mandatarju: — "Ne', per spiegare questa responsabilità dell'architetto, fa bisogno di ricorrere alle teoriche del quasi-delitto o dalla colpa aquilia, bastando ad indurla il concetto del mandato, che è contenuto nella locazione dell' opera dell'architetto quando il proprietario lo pose appunto a dirigere e sorvegliare il costruttore. Inutile dire che l'ar-

chitetto risponde solo del concetto, del piano, perchè invece la direzione gli impone il dovere preciso di sorvegliare, di non lascar mettere in opera materiali difettosi scadenti, contrari alla convenzione, di non lasciar costruire contro ogni regola d'arte. Egli deve sorvegliare, ed è in colpa se non si avvide dell'impiego di materiali di scarto o di vizio di costruzione. Ogni qualvolta, dunque, rimanga provata a suo carico una colpa, imprudenza, negligenza nel sorvegliare l'esecuzione, egli ne risponde" (Digesto Italiano, Appalto di Opere e Lavori, §189);

Illi għalhekk, ladarba l-konvenut Falzon ma ħax ħsieb jeżamina t-travu in kwistjoni, huwa naqas minn wieħed mill-obligi inerenti għad-direzzjoni; u billi ma ppruvax l-impossibilità li d-difett jiġi skopert, huwa responsabbli tal-ħsara in kwistjoni;

Illi, kwantu għall-konvenut Camilleri, irriżulta li huwa ma' Gio Maria Cardona għażel it-travu minn tnax oħra li kellu Leone Brincat għal-bejgħ, kif ukoll il-piż u l-ħoss tiegħu; però, milli jidher, kif xehed l-istess Brincat, "bdew ifittxu t-tul aktar mill-kwalità" (fol. 62). Fil-fehma tal-Qorti, dak li sar mhux biżżejjed biex jeżonera lil Camilleri mir-responsabilità tal-ħsara in kwistjoni; u dan għall-konsiderazzjonijiet hawn taħt miġjuba:—

1. Qabel xejn, si trattava minn 'oġġett ġa użat — travu li kien ġej minn bini mwaqqa' bil-gwerra, storjat fid-"dump" tal-Blata-l-Bajda, fil-beraħ, espost għall-intemperji u għas-sħana tax-xemx; u għalhekk l-eżami tiegħu kien imissu jkun aktar serju (v. każ analogu Kollez. XXIII-I-304);

2. Għalkemm it-travu kien miżbugħ, iż-żebgħa kienet fi tliet faċċati biss (fol. 64), u għalhekk kien jista' jiġi eżaminat aħjar; u anki jekk il-parti difettuża kienet miżbugħa, kien dejjem obligu tal-kuntrattur, taħt iċ-ċirkostanzi, li jobrox it-travu; kieku barxu, id-difett kien żgur jidher, kif osserva l-perit ġudizzjarju; u preżumibbilment jiġi skar-

tat. Għalkemm soltu, saħansitra għal travi ġodda, issir il-prova permezz ta' temprin u ta' berrina, fil-każ tagħna, meta t-travu kien użat u kellu kontra tiegħu ċ-ċirkustanzi fuq rilevati, din il-prova ma saretx; u konsegwentement, fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut Camilleri ma użax id-diliġenza ordinarja biex jiskopri d-difett in kwistjoni, u għandu huwa wkoll jirrispondi tal-ħsara li ġrat;

Illi xejn jiswa li fix-xiri tat-travu ħadu xi inizzjattiva l-interessati fil-bini in kwistjoni; għaliex ir-responsabilità tal-konvenut hija bażata fuq ordni publiku, u tibqa' dejjem anki kieku l-materjali ġew forniti jew ordnati mill-istess kommittenti (Baudry, Locazione II, parte 2da. §3927; Laurent, op. ċit., §25; u P.A. 31.1.1902 in re "Grixti vs Sciberras", inedita);

Illi l-konvenut Falzon, fl-imsemmija nota tiegħu fol. 86, issottometta illi huwa qatt ma jista' jkun tenut mal-konvenut Camilleri b'mod solidali kif talbu l-atturi fiċ-ċitazzjoni. Din l-eċċezzjoni hija fondata; difatti si tratta ta' obligazzjoni naxxenti "ex contractu", u ma jirriżultax li s-solidarjetà ġiet mill-partijiet espressament stipulata; konsegwentement ma għandhiex, u lanqas tista', tiġi preżunta (art. 1132 Kod. Ċiv.). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XVIII-I-92; u XXVII-III-883);

Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni l-perit ġudizzjarju ssottometta ...........;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja;

Tiddeċidi;

1. Billi tiddikjara l-konvenuti responsabbli tal-ħsara dedotta fiċ-ċitazzjoni, mhux solidament, iżda b'mod rateali u nofs kull wieħed; bl-ispejjeż nofs għall-atturi u n-nofs l-ieħor għall-konvenuti, kwart kull wieħed;

2. Billi, fis-sens premess, tilqa' t-talbiet tal-atturi, u tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu fil-fondi ndikati fiċ-ċitazzjoni r-riparazzjonijiet suġġeriti fl-imsemmija relazzjoni peritali, u dan fi żmien xahar mil-lum; u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi Avukat Dr. Carlo Moore nomine u George Debono jagħmlu dawk ir-riparazzjonijiet a spejjeż tal-konvenuti kif fuq, dejjem u f'kull każ taħt id-direzzjoni tal-I.Ċ.A. Professur Robert V. Galea, għal dan l-oġġett inkarigat; u billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu, nofs kull wieħed, £2. 15. 0. lill-attur George Debono u £2 lill-attriċi Paola Bugeja, għad-danni kif fuq likwidati;

L-ispejjeż tal-kawża, barra dawk ġa provvduti, jitħallsu mill-konvenuti nofs kull wieħed.